

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fid-19 ta' Ġunju 2019 — All in One Star Ltd****(Kawża C-469/19)**

(2019/C 328/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti u appellanti: All in One Star Ltd

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 <sup>(1)</sup> jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li ttiprovdi li l-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, teżiġi l-indikazzjoni tal-ammont ta' kapital azzjonarju jew ta' valur ta' kapital ieħor komparabbli?
- 2) (a) L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132 jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li ttiprovdi li, fil-mument tat-talba għall-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, id-direttur tal-kumpannija għandu jipprovdi assigurazzjoni, fir-rigward tal-persuna tiegħu, li ma hemm ebda impediment għan-nomina tiegħu skont id-dritt nazzjonali, fil-forma ta' projbizzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li jeżerċita professjoni jew attività li tikkorrispondi kompletament jew parzjalment mal-għan tal-kumpannija, jew fil-forma ta' kundanna definittiva għal ċerti reati kriminali, u li f'dan ir-rigward, ġie informat minn nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew konsulent legali, bl-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi informazzjoni lill-qorti?  
  
(b) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda 2(a):  
  
L-Artikoli 49 u 54 TFUE jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li ttiprovdi li, fil-mument tat-talba għall-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, id-direttur tal-kumpannija għandu jipprovdi tali assigurazzjoni?

---

(<sup>1</sup>) Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpanniji (ĠU 2017 L 169, p. 46).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wien (l-Awstrija) fil-21 ta' Ġunju 2019 — IE vs Maġistrat der Stadt Wien****(Kawża C-477/19)**

(2019/C 328/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Wien